# IT-TIENI PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KUMMERĊJALI

**15 ta' Jannar, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can. LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Italia armla minn Alfredo Demarco *et*

*versus*

Giorgio Demarco *et*

## Appell minn Digriet

*Mid-digriet appellat jemerġi ċar li hawn si tratta ta' deċiżjoni li "non terminat negotium" bejn il-partijiet għal dak li hu meritu u għalhekk taħt ebda ċirkostanza ma jista' jitqies bħala sentenza. L-appell għalhekk ma setax isir b'petizzjoni.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni numru 117/58CC ippreżentata fil-Qorti tal-Kummerċ li biha l-atturi talbu l-likwidazzjoni tas-soċjetà Giovanni Vincenzo Demarco u d-diviżjoni tal-bilanċ

riżultanti mill-istralċ, liema talbiet ma ġewx opposti mill-konvenuti;

*Omissis*;

Rat in-nota ta' l-appell ta' John Muscat *et*;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess li biha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-3 ta' Ġunju, 1983 billi tiddikjara li t-talba għan-nomina ta' periti adizzjonali ma saritx skond il-liġi fit-terminu prefiss mill-istess liġi, u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti għat-trattazzjoni finali u deċiżjoni fuq il-provi li saru. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti li biha *inter alia* eċċepew in-nullità' ta' l-appell ta' l-atturi peress li l-pronunċjament ta' l-ewwel Qorti kien vera u propju digriet u mhux sentenza u għalhekk l-appell kellu jsir b'rikors u mhux b'petizzjoni.

Rat l-atti rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti sejra qabel xejn tiddeċidi l-kwistjoni ta' l-eċċepita nulla ta' l-appell peress li din hi kwistjoni dirimenti;

Illi mid-digriet appellat jemerġi ċar li hawn si tratta ta'

deċiżjoni li *non terminat negotium* bejn il-partijiet għal dak li hu mertu u għalhekk taħt ebda ċirkostanza ma jista' jitqies bħala sentenza. L-appell għalhekk ma setax isir b'petizzjoni.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar in-nullità ta' l-appell ta' l-atturi, tiddikjara l-appell tagħhom magħmul bin-nota ta' petizzjoni imsemmija bħala irritu u null u konsegwentement ma tihux aktar konjizzjoni ta' l-istess appell tagħhom.